# IL-MIXJA TAR-RANDAN 2023

IS-SITT GIMGHA - HADD IL-PALM

**8ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib. 9Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem. (Filippini Kap 2)**

Tifla zghira tfixklet waqt li kienet niezla minn fuq bandla u girfet kemmxejn irkubtejha. Resqet lejn ommha li kienet bilqieghda fuq bank tara kollox u qaltilha: “Ma waqajt u irkubtejja qed tugghani. Tista’ tbushieli halli nhossha ahjar?

“Sabieha, rajtek taqa’. Ejja halli nbushielek jekk trid hekk.”

Ommha tbaxxiet u bisietilha u minn dak il-mument it-tifla hassitha ahjar. “Issa thossok ahjar, mhux hekk?”

“Iva, ma ghaddietli ftit u nista’ immur inkompli nilghab. Grazzi ma.”

“Iva u oqghod aktar attenta.” U t-tifla marret izzapap tkompli tilghab.



It-tfal jafu sew li l-qawwa ta' karezza hija ghoddha li biha jifhmu li huma mharsa minn kull periklu. Ihossuha ta' konfort. Tghannieqa, bewsa jew tehid bl-idejn, kollha huma mezzi li ghalkemm forsi ma jfejqux, imma huma sinjali li juru li wiehed ma jhossux wahdu minn ta madwaru, juru li ta' madwaru jahsbu fih.

Ahna ilkoll nghaddu minn mumenti ta' tbatija u ugigh, imma l-fidi taghna tfakkarna li huwa precizament f'dawn l-esperjenzi qarsa tal-hajja li Alla jigi jigri biex jimxi maghna, u jurina li ahna ma ahniex wahedna u japprezzana, ahna ma ahniex imwarrba. U jekk ahna nemmnu tassew din il-verita' dawn il-mumenti ta' sofferenza jsiru mumenti ta' grazzja. U hawn inhossu li meta Alla jmissna bil-grazzja tieghu, is-salib taghna jehfief ghaliex Alla jerfghu maghna. Hajjitna tkompli, mhux bil-geddum, izda bit-tbissima - ftit inqas drammatika din id-darba.

Matul din il-gimgha li ser nidhlu fiha, ahna mistiedna li nimxu wara Gesu' fil-Passjoni u l-Mewt tieghu, u din hija opportunita' biex nidhlu fis-sofferenza ta' Kristu, bl-istess mod li Alla jidhol f'taghna.

Il-bewsa taghna lil Gesu' Mislub, fil-jum Tal-Gimgha l-Kbira ma turix biss il-qima taghna, imma ukoll tindika li ahna naqsmu mieghu t-tbatija tieghu. Filwaqt li nafu li din it-turija ta' imhabba ttaffi xi ftit id-disrispett lejn Gesu' min dawk li ghalihom ta hajtu, ahna niftakru li Alla ghollih u tah isem fuq kull isem u minhabba dan l-isem hekk kbir ahna qawwija kontra kull hazen tar-ruh u tal-gisem.

HASSEJT LI ALLA QED JAKKUMPANJAK FIL-GLIDIET TIEGHEK MATUL DAN L-ISTAGUN TAR-RANDAN?

KIF UREJT LI INTI XHUD U AKKUMPANJAJT IT-TBATIJA TA' GESU' MATUL DAN L-ISTAGUN?